

Brussell, 5 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8630/20

DEVGEN 76
POLGEN 68
ACP 46
COHAFA 28
RELEX 424
COAFR 153
COWEB 81
ELARG 54
COEST 110
MOG 31
MAMA 68

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	5 ta' Ġunju 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8346/1/20 REV 1	
Suġġett:	Ir-Rispons Globali ta' Tim Ewropa għall-COVID-19 - Konklużjonijiet tal-Kunsill (5 ta' Ġunju 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjoni tal-Kunsill dwar ir-Rispons Globali ta' Tim Ewropa għall-COVID-19, kif approvat bi proċedura bil-miktub fil-5 ta' Ġunju 2020.

Ir-Rispons Globali ta' Tim Ewropa għall-COVID-19**konklużjonijiet tal-Kunsill**

1. Il-Kunsill għadu mħasseb ħafna dwar il-firxa globali tal-pandemija tal-COVID-19 li għadha taħsad il-ħajja ta' bosta madwar id-dinja. Huwa jagħraf li l-emerġenza fis-saħħa marbuta magħha hija waħda kbira u jfaħħar l-isforzi tal-ħaddiema, it-tobba u r-riċerkaturi fil-qasam tas-saħħa, umanitarju u dak tal-iżvilupp, kif ukoll ta' ħaddiema essenzjali oħra. Din il-pandemija hija kriżi globali b'implikazzjonijiet soċjali u ekonomiċi wiesgħa, li jaggravaw diversi forom ta' inugwaljanza. Qed twassal għad-deterjorament tal-kriżijiet umanitarji li diġà jeżistu, inkluż il-kriżijiet tas-sigurtà tal-ikel, u qed thedded l-isforzi għall-qerda tal-faqar, l-iżvilupp sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà madwar id-dinja. Dan huwa ż-żmien għas-solidarjetà globali, il-kooperazzjoni internazzjonali, l-azzjoni kollettiva effettiva u t-trasparenza.
2. Il-Kunsill jisħaq fuq l-urġenza tal-ħarsien tal-ħajja u l-għajxien ta' kulħadd, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Jisħaq ukoll fuq l-importanza li tingħata prijorità lill-isforzi f'pajjiżi sħab li huma l-aktar fil-bżonn f'konformità mal-Komunikazzjoni Konġunta dwar ir-Rispons globali tal-UE għall-COVID-19, b'attenzjoni speċjali lill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati, l-aktar fl-Afrika, u lill-pajjiżi f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità jew affettwati mill-konflitt, u billi jiġu appoġġati s-sħab fil-Viċinat, il-Balkani tal-Punent, l-Amerka Latina u reġjuni oħra.
3. Il-Kunsill jappella għal approċċ ibbażat fuq id-drittijiet bin-nies fil-qalba tiegħu li jiffoka fuq l-aktar gruppi vulnerabbli u emarġinati u fuq persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluż il-foqra f'żoni urbani, il-migranti, ir-refuġjati, il-persuni spostati f'pajjiżhom u l-komunitajiet li jilqgħuhom, u persuni li jagħmlu parti minn minoranzi reliġjużi. Il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikolari lill-ġeneru, l-età u d-diżabilitajiet.

4. Il-Kunsill itenni l-impenn mill-UE u mill-Istati Membri tagħha għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi, li huma fundamentali għall-irkupru sostenibbli mill-kriżi tal-COVID-19. L-isforzi għall-irkupru huma opportunità reali biex "nergħu nibnu aħjar u b'mod aktar ekoloġiku" u f'dan il-kuntest il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jinkisbu riżultati tanġibbli malajr, u li jiġi żgurat li l-appoġġ ikun allinjat mal-pjanijiet ta' rkupru tal-pajjiżi sħab, filwaqt jiġu promossi proċessi ta' rkupru ekwitabbli, sostenibbli u inklużivi konformi mal-Patt Ekoloġiku propost mill-Kummissjoni Ewropea.
5. Il-Kunsill ifakkar fir-rwol ewlieni tal-UE b'appoġġ għat-tmexxija tas-Segretarju Ġenerali tan-NU fir-rigward tar-rispons globali għall-pandemija tal-COVID-19. Il-Kunsill jappoġġa l-appell tas-SĠNU għal waqfien mill-għied globali fid-dawl tal-pandemija u jtenni l-appoġġ tiegħu għar-rwol ta' koordinazzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) fir-rispons globali għas-saħħa pubblika. Huwa jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġi appoġġat il-multilateraliżmu effettiv u l-importanza li l-azzjoni globali tiġi kkoordinata man-NU, l-organizzazzjonijiet reġjonali, b'mod partikolari l-Unjoni Afrikana, u organizzazzjonijiet multilaterali internazzjonali oħra u l-istituzzjonijiet finanzjarji fir-rispons għal din il-kriżi globali. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi komprensivi li saru mill-Fond Monetarju Internazzjonali u l-banek multilaterali tal-iżvilupp biex jaċċelleraw b'mod sinifikanti l-appoġġ tagħhom għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fir-rispons tagħhom għall-kriżi. Jilqa' wkoll l-inizjattiva tal-G20 u l-Klabb ta' Pariġi li jipprovdu sospensjoni tas-servizz tad-dejn għall-ifqar pajjiżi. Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-ħidma biex isir sforz internazzjonali koordinat ta' ħelsien mid-dejn għall-pajjiżi sħab, kemm minn kredituri uffiċjali kif ukoll privati, b'attenzjoni partikolari fuq il-pajjiżi li qed jesperjenzaw problemi ta' solvenza, skont il-każ u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali.

6. Il-Kunsill jappoġġa bis-shiġh l-approċċ ta' "Tim Ewropa" propost fil-Komunikazzjoni Konġunta dwar ir-rispons globali tal-UE għall-COVID-19, li juża l-kontribuzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, l-aġenziji ta' implimentazzjoni, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), u istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej oħra, inkluż il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ). F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-aħbar li aktar minn 33 biljun euro ser jiġu diretti mill-ġdid permezz tal-pakketti ta' Tim Ewropa sabiex jitrattaw l-effetti devastanti tal-kriżi tal-COVID-19 fil-pajjiżi u r-reġjuni sħab. Filwaqt li juża l-kontribuzzjonijiet mill-UE, l-Istati Membri u sħab oħra, il-pakkett ta' Tim Ewropa huwa bbażat fuq it-tqassim reġjonali tal-fondi kif ġej¹:

- Globali
- Garanziji
- Balkani tal-Punent u Turkija
- Viċinat
- Afrika sub-Saħarjana
- Amerka Latina u Karibew
- Asja u Paċifiku
- AKP, reġjonali
- OCT

¹ L-ammonti korrispondenti jidhru fl-anness għal dawn il-konklużjonijiet.

7. Il-Kunsill jilqa' l-prijoritajiet ta' politika ta' Tim Ewropa jiġifieri: (i) ir-rispons ta' emerġenza għall-kriżi immedjata tas-saħħa u l-bżonnijiet umanitarji marbuta magħha; (ii) it-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa u tas-sistemi tal-ilma u tas-sanità kif ukoll it-tisħiħ tal-istat ta' thejġija u tal-kapaċità ta' rispons tas-sħab; u (iii) l-appoġġ immedjat biex jittaffew il-konsegwenzi soċjali, ekonomiċi u politiċi tal-kriżi. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza li l-miżuri ta' emerġenza kollha għandhom jirrispettaw id-dritt internazzjonali u umanitarju kif ukoll il-prinċipji umanitarji, waqt li tiġi żgurata perspettiva qawwija ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-livelli kollha. Barra minn hekk, il-Kunsill itenni l-importanza tal-promozzjoni u taż-żamma tal-prinċipji tal-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, id-demokrazija, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni, u l-promozzjoni tas-sigurtà, ta' spazju ċiviku abilitanti, ta' ħarsien soċjali, ta' kondizzjonijiet tax-xogħol deċenti, kif ukoll aċċess għal edukazzjoni inklużiva u ekwitabbli, inkluż it-tagħlim mill-bogħod u fil-qafas tat-tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd.
8. Il-Kunsill jenfasizza li l-emerġenzi, inkluż il-pandemija attwali, jaggravaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri diġà eżistenti. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li ssir ħidma kontra l-vjolenza sessista u l-vjolenza domestika bħala konsegwenza tal-kriżi. Barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni tal-aċċess ekwitabbli għal servizzi ta' kwalità tal-kura tas-saħħa u tal-edukazzjoni u jfakkar fl-impenn tal-UE, skont il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, li tibqa' impenjata lejn il-promozzjoni, il-protezzjoni u l-eżerċizzju tad-drittijiet kollha tal-bniedem u rigward l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' reviżjoni tagħhom u, f'dan il-kuntest, jibqa' impenjat għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR).
9. Il-Kunsill jappella għall-konsistenza bejn ir-rispons umanitarju u ta' emerġenza fuq żmien qasir, u l-programmazzjoni ta' appoġġ fuq żmien medju u fit-tul biex jiġu indirizzati l-impatti strutturali tal-pandemija f'pajjiżi terzi u tinbena r-reżiljenza. Il-Kunsill jenfasizza li r-rispons fuq żmien itwal għandu jiġi indirizzat fl-eżerċizzju tal-UE li jmiss ta' programmazzjoni ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp (2021-2027), fil-kuntest tal-impenji tiegħu fil-programmazzjoni konġunta, kif xieraq. Huwa jkompli jissottolinja r-relevanza tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp (PCD) u tal-bini ta' sinerġiji bejn il-politiki u l-istrumenti interni u esterni tal-UE.

10. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-impatti li l-miżuri eċċezzjonali għandhom fuq l-għajxien, is-sistemi tal-ikel u l-ktajjen ta' provvista. Il-Kunsill jinnota bi tħassib serju li l-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni se jrin għall-aġar u li hemm ir-riskju li l-COVID-19 tirdoppja l-għadd ta' persuni li jbatu minn ġuħ akut madwar id-dinja. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat l-aċċess għall-ikel u l-provvisti agrikoli.
11. Il-Kunsill jirrikonoxxi li approċċ imsaħħaħ li jorbot elementi umanitarji, ta' żvilupp u ta' paċi huwa essenzjali biex tiġi indirizzata l-kriżi globali fis-saħħa li hemm bħalissa u jtenni l-appoġġ tiegħu għall-implimentazzjoni tal-impenji tal-Grand Bargain. Il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat l-aċċess bla xkiel lejn pajjiż, u ġewwa fih, għall-ħaddiema umanitarji u mediċi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifaħħar lill-Kummissjoni għall-istabbiliment ta' pont umanitarju bl-ajru.
12. Il-Kunsill jenfasizza r-rwol li jaqdu d-Delegazzjonijiet tal-UE biex jikkoordinaw u jiżguraw il-parteċipazzjoni inklużiva tan-networks diplomatiċi tal-Istati Membri kollha, inkluż l-aġenziji Ewropej għall-iżvilupp, il-BEI u istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej oħra, kif ukoll atturi rilevanti oħra fil-livell tal-pajjiż, fuq l-istess linji tal-approċċ li l-ħidma flimkien aħjar. Jisħaq ukoll fuq l-importanza tal-koordinazzjoni bejn il-pakketti ta' Tim Ewropa mal-isforzi tal-pajjiżi sħab u tad-donaturi internazzjonali. Is-sjieda tal-pajjiżi u s-sħubija ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-settur privat huma essenzjali.

13. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa urġenti għal aktar kooperazzjoni globali fir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġih fuq l-iżvilupp rapidu, l-manifattura u t-tħaddim ta' dijanjostiċi effettivi għall-prevenzjoni, it-tilqim u t-trattamenti kontra l-COVID-19 fil-pajjiżi kollha. Il-Kunsill jinsab impenjat li jiżgura l-kwalità, is-sikurezza u l-aċċess ekwitabbli għal dawn il-beni pubbliċi kollha, u jiżgura li ħadd ma jiġih jibqa' lura, u jilqa' l-inizjattiva tal-Aċċeleratur tal-Aċċess għall-Għodod kontra l-COVID-19 (ACT-A). Il-Kunsill ihegġegħ il-promozzjoni ta' skambju ta' data bejn ir-riċerkaturi kif ukoll l-aċċess imtejjeb għall-evidenza xjentifika emerġenti, inkluż permezz ta' Aċċess Miftuħ u Xjenza Miftuħa. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ is-sigurtà tas-saħħa u li jkun hemm tħejjija għal kriżijiet futuri fil-qasam tas-saħħa. Huwa jfakkar li l-bini u t-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa u l-iżgurar tal-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-persunal tal-kura tas-saħħa u dik soċjali huma essenzjali fil-ġlieda kontra l-pandemija u għall-prevenzjoni tal-impatt sekondarju fuq mard ieħor u, f'dan il-kuntest, jagħraf ir-rwol ewlieni tad-WHO. Il-Kunsill itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-Fond Globali, għall-Alleanza Globali għall-Vaċċini u l-Immunizzazzjoni (GAVI), u għall-UNITAID u jirrikonoxxi l-isforzi li għaddejjin ta' sħab oħra bħall-Koalizzjoni għall-Innovazzjonijiet fit-Tħejjija għall-Epidemiji (CEPI) fil-ġlieda globali kontra l-pandemija. Il-momentum maħluq mill-inizjattiva ta' wegħdi mmexxija mill-UE li beda fl-4 ta' Mejju 2020 u li ġabar 9.8 biljun euro jeħtieġ li jinżamm.
14. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa li jitneħħa d-distakk diġitali u li jiġi żgurat livell għoli ta' ċibersigurtà. Huwa jenfasizza l-opportunitajiet għal trasformazzjoni diġitali u soluzzjonijiet innovattivi fl-appoġġ tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-soċjetajiet tul il-pandemija tal-COVID-19 u l-effetti li ser tħalli warajha. Barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġu infurzati l-ogħla standards etiċi fil-ġestjoni ta' data personali.
15. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' azzjoni konġunta, rapida, viżibbli u trasparenti ta' Tim Ewropa, f'koordinazzjoni sħiħa mal-pajjiżi sħab u n-NU. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid ir-rwol ta' tmexxija tiegħu li jagħti gwida politika strateġika matul l-implimentazzjoni kollha tar-rispons globali tal-UE għall-COVID-19. Huwa jhegġegħ ukoll il-progress fl-iżvilupp ta' strateġija b'saħħitha ta' komunikazzjoni għall-approċċ ta' Tim Ewropa, li tiżgura trasparenza u tiġġielel id-diżinformazzjoni. Għal dan il-għan, il-Kunsill:

- a) Jappella lill-Kummissjoni biex tibbaża l-allokazzjoni tar-riżorsi lill-pajjiżi sħab fuq valutazzjoni konġunta tal-ħtiġijiet, f'kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab u allinjata mal-pjanijiet ta' rispons għall-COVID-19 sabiex jiġu identifikati lakuni u jiġu deskritti l-prijoritajiet ewlenin;
- b) Jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE biex ikomplu bl-isforzi tagħhom biex l-għanijiet stabbiliti mill-ACT-A jintlaħqu aktar malajr;
- c) Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata rabta mal-programmazzjoni għall-perijodu medju u dak fit-tul;
- d) Iħeġġeġ li jsiru aktar sforzi biex it-tagħlimiet meħuda u l-prattiki tajba jservu ta' pedament biex tiġi żgurata flessibbiltà finanzjarja u kuntrattwali fl-implimentazzjoni tar-rispons globali tal-UE għall-COVID-19;
- e) Jilqa' l-istabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ konġunt, skont il-gwida tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD u li possibbilment tinkludi indikatur għall-COVID-19, sabiex tiżgura l-irfiġh tar-responsabbiltà u t-trasparenza fl-użu tar-riżorsi mobilizzati u allokat, u jappella għall-involvement tal-atturi kollha sabiex perijodikament u fi żmien qasir jipprovdu informazzjoni aġġornata dwar ir-riżorsi skont Tim Ewropa; barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata t-trasparenza fil-monitoraġġ tal-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju;
- f) Jisħaq fuq l-importanza li l-atturi kollha involuti f'Tim Ewropa jikkoordinaw l-azzjonijiet, u jaqsmu l-informazzjoni u l-isforzi ta' komunikazzjoni fil-livell tal-pajjiż, fl-UE u fil-pajjiżi sħab u f'fora globali u multilaterali.
- g) Jappoġġa l-użu tat-terminu "Tim Ewropa" f'kampanji ta' komunikazzjoni nazzjonali jew konġunti, fi sforzi ta' viżibbiltà u faħbarijiet pubbliċi, u jistenna li s-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE jieħdu passi konkreti lejn strateġija b'saħħitha ta' komunikazzjoni għal Tim Ewropa.

Rispons estern ta' TIM EWROPA għall-COVID-19 (sat-3 ta' Ġunju 2020)

TIM EWROPA - TOTAL EUR Miljuni	33037
Stati Membri tal-UE	11467
Kummissjoni Ewropea	13800
BEI	6770
BERŻ	1000

Tqassim skont ir-reġjun ġeografiku:

TOTAL EUR Miljuni	TOTAL	SM UE	KE	BEI	BERŻ
	33037	11467	13800	6770	1000
Globali	9900	8252	648	0	1000
Garanziji	2892	1327	1420	145	0
Balkani tal-Punent u Turkija	3967	33	1734	2200	0
Viċinat	7854	220	5319	2315	0
Afrika sub-Saħarjana	4719	1228	2031	1460	0
Amerka Latina u Karibew	1482	198	959	325	0
Asja u Paċifiku	1730	206	1235	289	0
AKP, reġjonali	346	3	343	0	0
PTEE u Greenland	147	0	111	36	0